

## AVVIŻ LILL-QARREJ

Din il-pubblikazzjoni fiha l-verżjonijiet konsolidati tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-Protokoll u l-Annessi tagħhom hekk kif jirriżultaw wara l-modifiki li saru permezz tat-Trattat ta' Lisbona li ġie ffirmat fit-13 ta' Diċembru 2007 f'Lisbona. Din il-pubblikazzjoni fiha wkoll id-Dikjarazzjonijiet annessi ma' l-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva li adottat it-Trattat ta' Lisbona.

Kif kien imħabbar f'dan l-avviż lill-qarrej tal-pubblikazzjoni preċedenti tal-verżjonijiet konsolidati (ĠU C 115, 9.5.2008, p. 1), din il-pubblikazzjoni tinkorpora r-rettifiki li sadanittant kienu ġew adottati.

Din il-pubblikazzjoni tinkludi wkoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, proklamata fi Strasburgu fit-12 ta' Diċembru 2007 mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni (ĠU C 303, 14.12.2007, p. 1). Dan it-test jirriproduċi, b'adattamenti, il-Karta proklamata fis-7 ta' Diċembru 2000, u jissostitwixxiha mill-1 ta' Diċembru 2009, id-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Bis-saħħa tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Karta proklamata fl-2007 għandha l-istess valur legali bħat-Trattati.

Dan it-test jikkostitwixxi strument ta' dokumentazzjoni li għalih l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea ma jassumu l-ebda responsabbiltà.